**13 ta' Awissu, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O.Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor Albert Manchè LL.D.**
**Onor Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Martin u Carmen Fenech

*versus*

Onorevoli Prim Ministru

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Trattament inuman u Degradanti – Xhieda – Maħfra Presidenzjali – Appell – Nullità ta' Sentenza – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Frivolu u Vessatorju**

*Ir-rikorrent kien qed jiġi kostrett jixhed kontra ħatnu fi proċeduri kriminali fir-rigward ta' liema huwa kien ġie mogħti maħfra mill-President. Ir-rikorrent u martu allegaw li dan kien jikser id-drittijiet tagħhom kif sanċiti bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Prim'Awla ddikjarat li mart ir-rikorrent prevja minn interess, iddikjarat infondati l-ilmenti tar-rikorrenti w ċaħdithom billi frivoli u vessatorji. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell minnhom interpost irritu u null.*

*Il-Qorti ddeċidiet li ma hemmx appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiddikjara rikors frivolu u vessatorju.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan huwa każ eċċezzjonali u daqstant eċċezzjonalment se tittrattah din il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-konjugi Fenech;

Rat ukoll (a) id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li fil-kompetenza tagħha ta' Qorti istruttorja, fis-**17 ta' Awissu**

1987 eżentat lil Martin Fenech milli jixhed f'istruttorja rigward serq ta' oġġetti, stmati, li jeċċedu l-valur ta' erbgħin elf lira (Lm40,000); (b) is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-**14 ta' Diċembru 1988** li biha kull pretenzjoni ta' l-istess Martin Fenech li jiġi **eżentat** li jixhed f'dawk il-proċeduri istruttorji **anki wara** li ġie mill-Kap ta' l-Istat mogħti preventivament, **maħfra** għal kull possibbli parteċipazzjoni tiegħu fil-kummissjoni tar-reati oġġett ta' l-istruttorja kemm bħal esekutur materjali u/jew kompliċi fl-istess delitti; (c) is-sentenza ta' din il-Qorti **tas-6 ta' Ottubru 1989** li reġgħet, bejn wieħed u ieħor ikkonfermat dik ta' qabilha; (d) is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Sede Kostituzzjonali tal-5 ta' Ottubru 1990;

Dan ir-rikors ta' Martin u Carmen Fenech ġie ppreżentat fil-15 ta' April 1991, u huwa bbażat fuq il-pretensjoni li jekk Martin Fenech, skond il-liġi, jkollu jixhed fil-proċess kriminali kontra Francis Mallia, hu Carmen Fenech – din "ix-xiehda possibbilment inkriminanti tiegħu (bla preġudizzju) fil-konfront ta' ħatnu, dan ikun jammonta għal trattament inuman u degradanti";

Jekk dan jiġri allura:

"Carmen Fenech tibda tħoss ruħha ostili għalih – speċjalment jekk il-prosekuzzjoni m'għandhiex provi kontra Francis Mallia";

Fuq dawn il-kawżali – u l-istorja preċedenti tal-mejandri ġudizzjarji li, s'issa, ir-rikorrent Martin Fenech, irnexxilu jgħaddi minnhom – ir-rikorrenti talbu l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiddikjara illi l-artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali jmur kontra d-drittijiet fundamentali tagħhom sanċiti fl-artikolu 36

tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-drittijiet tal-Bniedem, inkwantu ma jatix (lil Martin Fenech) dritt ta' eżenzjoni milli jiġi mġiegħel jixhed kontra ħatnu.

Fil-21 ta' Mejju, 1991 – dik l-Onorabbli Qorti – fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha – iddisponiet mir-rikors billi laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-intimat li Carmen Fenech ma kellhiex l-interess ġuridiku biex tintavola r-rikors w ddikjarat l-aġir tagħha frivolu u vessatorju; laqgħet l-eċċezzjoni ta' "res judicata" fir-rigward tar-rikors ta' Martin Fenech u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu u **ddikjarathom ukoll sempliċement frivoli u vessatorji;**

Dik is-sentenza mbagħad tispiċċa hekk:

"Konsegwentement tiddikjara bħala validi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, li taw lok għar-rikors, u tikkonferma li f'dawk il-proċeduri għandu jiġi assigurat illi l-proċess ġudizzjarju fir-rigward tax-xhieda tar-rikorrent Martin Fenech, għandu jieħu l-iter **kollu tiegħu bl-applikazzjoni rigoruża** tal-provvedimenti tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn dan jirriżulta neċessarju"

Minn din is-sentenza appella Martin Fenech u apparti l-aggravji fuq il-meritu intqal:

"Għalkemm ir-rikors promotorju ġie ritenut frivolu u vessatorju, fl-istess waqt, l-ewwel Onorabbli Qorti għaddiet biex tikkunsidra "*funditus*" (paġna 12 tas-sentenza) il-validità ta' l-artikolu 633(2) Kodiċi Kriminali".

L-artikolu 46 f'żewġ subartikoli tiegħu jiddisponi hekk:

"(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni, tkun sempliċement frivola jew vessatorja";

Din il-Qorti kellha diversi okkażjonijiet biex teżamina u tiddeċidi fuq l-implikazzjonijiet tas-sub-artikolu (5) u għalhekk tħoss li m'għandhiex għalfejn tirrepeti hawnhekk il-motivazzjonijiet u r-raġunijiet li diġà tat għall-applikazzjoni ta' dan is-sub-artikolu;

Fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru 1990 wara r-rikors numerat 295/90 – fl-ismijiet Alan Mifsud et vs l-Avukat Ġenerali et din il-Qorti qalet li meta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tiġi sollevata kwistjoni kostituzzjonali u dik il-Qorti tiddecidi li dik it-talba biex issir riferenza lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija frivola u vessatorja, mhux biss m'hemmx appell minn tali deċiżjoni imma l-anqas ma huwa permess li **l-istess identika kwistjoni** tiġi promossa quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali lilha konferita bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. (Ara wkoll is-sentenzi ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 1990 "Il-Pulizija vs Michael Pace et u tat -22 ta' Mejju, 1991, Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija);

Issa jekk m'hemmx appell minn deċiżjoni hekk motivata tal-Qorti tal-Maġistrati – *mulo magis* ma tistax tiġi ammessa

proċedura għat-tieni grad meta tkun l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiddeċidi li t-talba tar-rikorrent fil-proċedura kostituzzjonali kontemplata fl-imsemmi artikolu – hija frivola jew vessatorja;

Fil-każ preżenti, dik l-Onorabbli Qorti, kif qalet hija stess, kienet **beninja** u allavolja rat li t-talbiet fir-rikors huma frivoli u vessatorji, xorta waħda nvestiet il-mertu – u dan għal ulterjuri sodisfazzjon tar-rikorrenti – u ta' dan il-benefiċċju u għal din il-beninjità, Martin Fenech – ma skurplax biex jirribatti illi l-fatt li l-Qorti eżaminat il-merti tat-talba tiegħu dan kien għaliex din m'hiex la frivola u l-anqas vessatorja – u mhux għaliex il-Qorti kienet qed teżerċita dawk il-virtujiet li joħorġu mill-abbundanza tas-sentimenti – għaliex, speċi fil-kamp ġudizzjarju dawn m'hemmx lokhom għaliex dan huwa l-kamp esklussiv tar-raġuni waħedha u m'hemmx lok għal ebda sentiment;

Din il-Qorti mhux biss ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni imma tiċċensurha kif bir-raġuni kollha – jistħoqqilha;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiċħad l-appell ta' Martin Fenech, billi ma hemmx dritt ta' appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili meta din, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha kostituzzjonali konferita fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tiddeċidi li t-talba lilha magħmulha hija sempliċement frivola jew vessatorja; u wara li rat l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tikkundanna lill-appellant li jħallas lill-appellat l-ispejjeż għal darbtejn billi l-appell tiegħu huwa fieragħ u vessatorju.